29 ta' Jannar, 1954.

**Imħallfin:**

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Stella Briffa et. *versus* Caterina Sciclunа et.**

**Eredità — Legat — "Petitio Haereditatis" — Preskrizzjoni — Pussess — Prova — Art. [illegible] tal-Kap. 23.**

***Il-preskrizzjoni decennali li tolqot l-azzjoni magħrufa bħala "petitio***

*haereditatis", biex jintalab wirt, jew legat, jew sehem tal-beni li l-liġi tagħti lit-tfal jew lill-konjuġi, tant fis-suċċessjoni testata kemm f'dik intestata, hija preskrizzjoni akkwiżitiva; u dan mhux biss fir-rapporti bejn il-koeredi, imma anki fil-konfront tal-legatarji u ta' dawk l-oħra li għandhom dawk id-drittijiet.*

*Għaldaqstant, barra mill-element passiv taż-żmien, hemm bżonn li jiġi pruvat anki l-element attiv tal-pussess. U dan il-pussess irid ikun mhux sempliċement każwali, iżda jrid ikun pussess formali, jiġifieri kapaċi li jiġġenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjetà. Konsegwentement dak il-pussess għandu jkun reali, u mhux biżżejjed il-pussess "di diritto".*

*Meta si tratta ta' legat, għalhekk, mhux biżżejjed illi l-legatarju jibqa' inerti għaż-żmien rikjest mil-liġi biex jintilef id-dritt għal-legat, imma hemm bżonn li l-użurpatur ikun jippossjedi l-ħaġa abbandunata mill-proprjetarju, u li jkun jippossjediha "animo domini".*

*Il-pussess ta' l-użurpatur irid ikun, għalhekk, kontinwu, mhux interrott, paċifiku, publiku, u mhux ekwivoku, għaż-żmien kollu li tgħid il-liġi, kif ukoll "animo domini".*

*Dan il-pussess għandu jiġi pruvat b'mod infranġibili, tant għar-rigward tal-fatt tal-pussess fih innifsu, kemm ukoll tal-kwalitajiet jew karattri li jrid ikollu l-pussess; u din il-prova tinkombi lil min jallega l-preskrizzjoni.*

*Il-pussess reali li jeħtieġ għal din il-preskrizzjoni hemm bżonn li jkun tal-ħaġa in disputa, u mhux ta' ħwejjeġ oħra, sija pure ta' l-istess eredità.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur, premess illi fit-28 ta' Frar 1927, mietet Grazia sive Lucrezia Scicluna, ġa mart Saverio, u fil-15 ta' Jannar 1941, miet l-imsemmi Saverio Scicluna (dok. A u B); u premess illi dawn, b'testment tagħhom "unica charta" fl-atti tan-Nutar Edoardo Pellegrini Petit ta' l-10 ta' Mejju 1909, iddisponew mill-ġid tagħhom billi, wara li ħallew diversi legati u l-użufrutt lil xulxin, l-istess Lucrezia Scicluna istitwiet bħala eredi tagħha lil ħutha, il-lum mejtin, Rosa mart Silvestro Borg, Giorgia mart Paolo Cassar, Rosaria mart Carmelo Zammit, u Giorgio, aħwa Aquilina, bis-sostituzzjoni ta' wliedhom fil-każ

ta' premorjenza; u peress illi l-lum l-eredi istitwiti huma mejtin, u l-porzjoni ta' Rosaria Zammit, li mietet fis-17 ta' Frar 1933, tmiss lil uliedha ahwa Zammit, ċjoè lill-atturi Giorgio Zammit u Giuseppa mart Giuseppe Gatt, u lill-konvenuti Angelo, Andrea, Filippo, u Loreto, ahwa Zammit, fi kwoti ndaqs; u peress illi l-porzjoni tal-mejta Rosina Borg, li mietet fl-20 ta' Diċembru 1931, tmiss lil uliedha atturi Giuseppa Caruana, Paolo Borg u Gaetano Borg, u lit-tfal ta' bintha mejta Carmela ġa mart Mosè Micallef, li mietet fl-20 ta' Settembru 1930, ċjoè l-atturi Giuseppa Mangion u l-konvenuti Salvatore u Francesco ahwa Borg; u l-porzjoni ta' Giuseppa Cassar, li mietet fis-7 ta' Diċembru 1942, tmiss lill-attriċi Stella Briffa, bintha, skond testment fl-atti tan-Nutar Giorgio Pace tas-16 ta' Settembru 1942; u peress illi l-imsemmi Giorgio Aquilina miet ġuvni bla tfal u bla testment qabel it-testatriċi; u peress illi għalhekk il-wirt ta' l-istess Lucrezia Sciclune għandu l-lum jiġi maqsum in kwantu għal terz lil ulied Rosaria Zammit, in kwantu għal terz lil ulied u neputijiet ta' Rosina Borg, u in kwantu għal terz lill-attriċi Stella Briffa; u peress illi, b'testment fl-atti tan-Nutar Emmanuele Pio Debono tal-21 ta' Ġunju 1933, l-imsemmi Saverio Sciclune istitwixxa bħala eredi tiegħu lil Paolo, Caterina u Concetta, ahwa Sciclune, ulied il-mejjet Damiano; u peress illi l-imsemmi Paolo Sciclune miet fis-26 ta' Lulju 1946, u wirtuh uliedu l-konvenuti Carmela, Giuseppe, Rosina mart Annunziato Aquilina, Bartolomea mart Giuseppe Sammut, Vittoria mart Giuseppe Grixti, u Maria mart Emmanuele Debattista, ahwa Sciclune; u peress illi għalhekk il-wirt ta' l-imsemmi Saverio jmiss lill-konvenuta Caterina Sciclune in kwantu għal terz, lill-konvenuta Concetta Vella in kwantu għal terz, u lill-konvenuti wlied il-mejjet Paolo Sciclune in kwantu għal terz ieħor; u peress illi bl-imsemmi testment "unica charta" fl-atti tan-Nutar Edoardo Pellegrini Petit ta' l-10 ta' Mejju 1909 l-imsemmija Grazia sive Lucrezia Sciclune kienet halliet bħala legat lil Fortunata Sammut il-lok ta' bini Strada Rosa, Casal Curmi, (il-lum 223, Pinto Street), u l-mezzanin 26, Strada Camenzuli, tas-Sliema (il-lum 126 Camenzuli Street, tas-Sliema), u s-somma ta' £100

għal darba waħda biss; u peress illi l-istess Fortunato Sammut kien għadu baj meta mietet il-testatriċi, iżda qatt ma kkonsegwixxa l-istess legati, u għalhekk il-lum iddekada minnhom;

Premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji, u speċjalment dik illi l-imsemmi Fortunato Sammut iddekada mill-legati lilu mħollija fit-testment ta' Lucrezia Scicluna ta' l-10 ta' Mejju 1909, u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talbu li tiġi ordnata minn din l-Onorabbli Qorti :—

1. Il-likwidazzjoni ta' l-assi soċjali u konjugali ta' l-imsemmija konjugi Saverio u Grazia sive Lucrezia Scicluna;

2. Il-likwidazzjoni ta' l-assi partikulari ta' Grazia sive Lucrezia Scicluna, billi dana l-assi jiġi dikjarat jikkonsisti f'nofs is-sustanzi ta' l-assi soċjali konjugali fuq imsemmi u f'sustanzi oħra partikulari tad-decujus li jirriżultaw waqt il-kawża;

3. Li l-assi partikulari ta' l-istess Grazia sive Lucrezia Scicluna, hekk likwidat, jiġi assenjat lill-werrieta tagħha, u ċjoè......................;

4. Li jiġi nominat nutar biex jirċievi u jippublika l-att opportun.................

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-atturi (fol. 54), fejn eċċepew li Fortunato Sammut iddekada miż-żewġ legati lilu mħollija minn Grazia Scicluna, u għalhekk tilef kull azzjoni li seta' kellu kontra l-eredi gravati lejh, u dana a termini tal-art. 885 (1) tal-Kodiċi Civili;

*Omissis*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-21 ta' Mejju 1953, li biha rrespinġiet l-eċċepita preskrizzjoni deċennali, u konsegwentement iddikjarat li l-imsemmi Fortunato Sammut ma ddekadiex mill-legati kif fuq lilu mħollija, bl-ispejjeż kontra l-eredi ta' Grazia Scicluna; u ħalliet il-kawża għall-kontinwazzjoni tagħha skond il-liġi; billi kkunsidrat;

Illi b'testment "unica charta" ma' Saverio Scicluna, żewġha, publikat minn Nutar Edoardo Pellegrini Petit fl-10 ta' Mejju 1909 (fol. 15), l-imsemmija Grazia sive Lucrezia Scicluna ħalliet b'titolu ta' legat lill-imsemmi Fortunato

Sammut il-lok ta' djar.......................;

Illi bl-odjerna citazzjoni l-atturi, peress li l-imsemmi Fortunato Sammut ma kkonsegw'ex dawk il-legati, u ghalhekk, qalu huma, iddekada minnhom, talbu li tigi dikjarata dina d-dekadenza; u dan ghall-fini tal-likwidazzjoni ta' l-ereditajiet ta' l-imsemmija Grazia u Saverio ga mizzewgin Scicluna;

Illi l-perit legali, f'dan ir-rigward wasal ghall-konkluzjoni illi, billi l-imsemmi Fortunato Sammut ilu nieqes minn Malta il-fuq minn 40 sena, huwa ghandu kontra tieghu l-preskrizzjoni ta' ghaxar snin kontemplata fl-art. 885 (Kod. Civ.), u konsegwentement huwa ddekada mid-dritt li jista' jitlob il-legati kif fuq hilu mbollija;

Illi skond l-art. 885(1) fuq citat, l-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew legittima, jew sehem tal-beni li l-ligi taghti lit-tfal illegittimi, jew lill-zewg jew mart il-mejjet, sew fis-succcessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk "ab intestato", tispicca bl-gheluq ta' ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni. Din hija l-hekk imsejha "petitio haereditatis", li giet estiza anki ghall-legati, ghall-legittima u ghar-rizerva. Dina l-azzjoni tispicca fil-kaz li ma tigix esperita fi zmien ghaxar snin mill-apertura tas-successjoni; liema preskrizzjoni, skond il-gurisprudenza ormaj kostanti tal-Qrati Taghna, hija ta' natura akkwizitiva. Ma tiswiex l-obbjezzjoni tal-atturi li l-gurisprudenza citata tikkontempla biss rapporti bejn koeredi; ghaliex, apparti l-lokuzzjoni cara tal-ligi, dik in-natura akkwizitiva giet ravvizata anki fil-konfront ma' legatarji (Kollez. XXI-I-267);

Illi, la darba dik il-preskrizzjoni hija akkwizitiva, barra mill-element passiv taz-zmien, ghandu jirrikorri u jigi pruvat ir-rekwizit attiv tal-pussess. Dana l-pussess irid ikun mhux semplicement kazwali, jigifieri dak inerenti ghall-proprjetà, izda pussess formali, jigifieri kapaci li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt ta' proprjetà. Ghalhekk dana l-pussess ghandu jkun reali, u mhux bizzejjed il-pussess "di diritto" moghti lill-eredi skond l-art. 876 (Kod. Civ.);

Ighid Pacifici Mazzoni: "Il possesso deve essere reale, nei

senso in cui questa parola è adoperata negli articoli 952, 960 e 962. Infatti il possesso reale di diritto è quello definito dall articolo 685, esigendo come elemento materiale del medesimo la detenzione di una cosa e l'esercizio di un diritto" (Successioni, Vol. V, para. 144). Del resto, il-pussess "di diritto" mhux neċessarjament magħqud mal-pussess reali, u jista' jeżisti separat minnu;

Jinnota Bersari :— "Ogni possesso ha bisogno, per conservarsi, di atti di esercizio. L'erede potrebbe non curarlo, perderlo in conseguenza, ed allora egli è come se, propizia, la legge non gli avesse attribuita la *facoltà di continuare il possesso* dell'autore (Commentario Cod. Civ. Ital. art. 925, para. 2001, paġ. 902 col. 2da. in fine);

Illi għalhekk mhux biżżejjed li l-legatarju jibqa' inerti għaż-żmien rikjest mill-liġi; għaliex il-proprjetà hija perpetwa, u ma tintilefx billi l-proprjetarju ma jagħmelx użu mill-ħaġa tiegħu. Hemm bżonn, biex *jintilef* dak *id-dritt, li l-użurpatur* jipposjedi l-ħaġa abbandunata mill-proprjetarju, u li jipposjediha "animo domini";

Issa, fil-każ tagħna, il-legatarju akkwista d-dritt tal-legat mill-ġurnata tal-mewt ta' Grazia Scicluna (art. 758 Kod. Civ.), u dana ankorkè hu ma kienx jaf b'dak il-legat (Pacifici Mazzoni, Successioni, Vol. VII, para. 40) u ma *ġie qatt im*dañbal fil-pussess ta' l-oġġett lilu mħolli (Kollez. XXI-I-491, u XXVIII-I-537). Għaldaqstant, biex hu jitlef il-legat, irid jiġi pruvat li ħadd ieħor, jiġifieri l-eredi ta' Grazia Scicluna, ippossedew l-oġġett legat bil-kondizzjonijiet kollha rikjesti mil-liġi;

Illi, *fi kliem ieħor*, mhux *biżżejjed pussess* kwalunkwe, iżda jrid ikun pussess leġittimu bir-rekwiżiti ndikati fl-art. 2212(1) tal-Kodiċi Ċivili, jiġifieri jrid ikun pussess kontinwu, mhux interrott, paċifiku, publiku, mhux ekwivoku, għażżmien kollu li tgħid il-liġi, kif ukoll pussess "animo domini";

Illi dana l-pussess għandu *jiġi pruvat b'mod infrangibili* (Kollez. XVI-II-4); liema prova tirrigwarda tant il-fatt talpussess fih innifsu, kemm ukoll il-kwalitajiet jew il-karatteri fuq imsemmija, li jrid ikollu dak il-pussess. Difatti l-pussess,

bħala fatt, mhux suffiċjenti biex joħloq id-dritt tal-proprjetà, iżda jrid ikun tali, fi kliem Laurent, "che annunzi coi suoi caratteri che il possessore intende essere il proprietario, e che agisce come tale" (Diritto Civile, Vol. XXXII, para. 274). Del resto, kif jinnota Baudry, "tutte le condizioni enumerate nell'articolo 2229 (li jikkorrispondi għall-art. 2212 fuq ċitat) tendono a denunciare al vero proprietario l'usurpazione che è stata commessa, ed a metterlo in grado di respingerla" (Prescrizione, para. 238). Il-karatteri fuq miġjuba tal-pussess leġittimu huma, kwindi, kif jikkonkjudi Laurent, "una garanzia per la proprietà contro l'usurpazione" (loc. cit.);

Illi l-prova ta' dan il-pussess, bħala wieħed mill-elementi indispensabili tal-preskrizzjoni akkwiżitiva, tinkombi lil min jinvoka l-istess preskrizzjoni, u fil-każ tagħna, lill-eredi ta' Grazia Scicluna;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dina l-prova mhux biss ma ġietx raggunta, iżda lanqas ġiet tentata; u fin-nuqqas ta' wieħed mir-rekwiżiti tal-preskrizzjoni, dak ċjoè tal-pussess leġittimu, ma jiswiex id-dekorriment biss ta' aktar minn għoxar snin mill-mewt ta' Saverio Scicluna, użufruttwarju sali tal-beni in kwistjoni;

Rat fil-fol. 105 in-nota ta' l-appell ta' l-atturi, u fil-fol. 106 il-petizzjoni tagħhom li biha talbu li tiġi revokata s-sentenza preliminari fuq imsemmija, billi jiġi minflok deċiż illi l-imsemmi Fortunato Sammut iddekada mill-legati fuq imsemmijin, lilu mħollija, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Ir-raġunijiet li fuqhom tinsab bażata s-sentenza appellata, fil-fehma ta' din l-Qorti, huma sewwa. L-art. 85 (1) Kap. 23 Ediz. Riv. (li kien qabel l-art. 547 ta' l-Ord. VII tal-1858) ġie fil-Kodiċi Malti mill-Bandu tal-Gran Mastru De Rohan tal-1 ta' Marzu 1787. Kif jingħad fis-sentenza appellata, il-preskrizzjoni kontemplata fl-imsemmi artikolu hija ta' natura akkwiżitiva, skond dak li ormaj jifforma ġurisprudenza awtorevoli u kostanti (ara s-sentenzi ċitati fis-sentenza appellata, li jagħmlu anki huma s-stess riferenza għal ġurisprudenza aktar antika). L-appellanti ċċitaw is-sentenza noghtija

mill-Prim Awla fil-11 ta' Gunju 1928 fil-kawża "Malha vs. Daimas", li rritenjet illi l-preskrizzjoni tal-artikolu fuq imsemmi hija estintiva. Apparti, però, li dan ma għex segwit, huwa ta' min josserva li ċerti brani tas-sentenza ċitata pjuttost juru illi l-ġudikant kien qiegħed jikkunsidra l-preskrizzjoni mill-punto di vista ta' dak li fin milqut biha, mhux ta' dak li qiegħed jinvokaha; u ċertament, kif osservat din il-Qorti fil-kawża "Grixti vs. Ellul" tal-15 ta' Diċembru 1939, il-preskrizzjoni tal-imsemmi artikolu fin-natura tagħha hija akkwiżitiva, imma wkoll estintiva għal dak li jiġi l-quddiem biex jitlob il-wirt jew il-legat. Għandu wkoll jiġi osservat li fis-sentenza invokata mill-atturi, fuq imsemmija, hemm riferenza għas-sentenza "Desira vs. Caruana Dingli", Appell 21 ta' Mejju 1900, li kienet tgħid, b'riferenza għal dik il-preskrizzjoni, dawn il-preċiżi kliem:— "La prescrizione del diritto ereditario è pertanto acquisitiva......................";

L-atturi, fil-petizzjoni u t-trattazzjoni, issottomettew ukoll li, jekk il-pussess "animo domini" hu meħtieġ għall-eredi wieħed vis-a-vis eredi ieħor, biex jiġi distint mill-pussess "ope legis", eppure, vis-a-vis il-legatarju, hu biżżejjed il-pussess li għandu l-eredi b'liġi "per modum continuationis". Dan mhux eżatt, għax ma jirriżultax li dawn l-eredi jippossjedu b'mod li jeskludu lil ħadd ieħor, imma huma kienu, kif esprimiet ruħha s-sentenza "Pace Balzan utrinque", ta' din il-Qorti, presjeduta minn Sir Adrian Dingli, 16 ta' Frar 1887, Vol. XI, p. 249, "detentori della totalità dei beni ereditari come cose appartenenti a tutti gli eredi". Dil-Qorti rrikonoxxiet in-natura akkwiżitiva ta' din il-preskrizzjoni "anki di fronti għal-legatarju" ("Farrugia vs. Attard", 2. 12. 1910);

Lanqas hi konvinċenti l-osservazzjoni l-oħra, kontenuta fil-petizzjoni ta' l-appell, fis-sens li l-atturi u l-eredi konvenuti għa qasmu xi sustanzi oħra tal-eredità; għaliex il-pussess reali li jeħtieġ għal din il-preskrizzjoni hemm bżonn loġikament li jkun pussess "tal-ħaġa in disputa", u mhux ta' ħwejjeġ oħra mija pure mill-istess eredità;

Dwar l-osservazzjoni tal-kuraturi Avukat Dr. Mallia u Prokuratur Legali Grech Orr, fis-sens li, jekk il-preskrizzjoni

tiġi ritenuta akkwiżitiva, u tali li teħtieġ il-pussess reali, allura ma tkunx ammissibili fejn l-oġġett tal-legat hu fungibili, għaliex ma hux possibili l-pussess reali tal-ħaġa fungibili. Ir-riljev hu speċjuż, iżda ma hux eżatt. Il-ħaġa hija fungibili meta fil-pagament jew fir-restituzzjoni tista' tiġi sostitwita minn oħra tal-istess kwalità, kwantità u valur. Dan però ma jfissirx li l-eredi, li jrid jippreskrivi kontra l-legatarju, ma jistax jippossjedi realment il-ħaġa fungibili (flus, per eżempju), li attwalment ikunu hemm fl-eredità, imma jfisser biss li fil-blas ta' legat jista' jagħti lill-legatarju ħaġa ta' kwalità, kwantità u valur xorta waħda. Imma l-pussess hu ugwalment possibili;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-attturi, u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż, tant ta' din kemm ta' l-ewwel istanza, kontra l-eredi ta' Grazia Scicluna;

U tirrinvija l-proċess lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.